**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 255/2019 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**-Vs-**

**CHARLES ZAHRA**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **CHARLES ZAHRA** ta' 55 sena, iben Victor u Dolores nee' Debattista, mwieled gewwa Gzira nhar l-1 ta' Frar 1964, residenti gewwa fond numru 95, Sun Valley BLK A, Fl5, Triq il-Parocca, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 120264M, li tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-25 ta' Mejju 2017 ġewwa Ermington, Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira:-

1. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Farima Hassanin f’periklu car ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha u kkagunalha griehi ta’ natura gravi;

2. Ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Fatima Hassanin

3. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Fatima Hassanini sabiex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Aktar talli fil-25 ta’ Mejju 2017 u anke matul ix-xhur ta’ qabel ġewwa dawn il-Gzejjer :-

4. Bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil Fatima Hassanin biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra d-dixxendenti/axxendenti taghha

U aktar talli matul ix-xhur ta’ Settembru u Ottubru 2017 ġewwa dawn il-Gzejjer :-

5. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih fil-konfront ta’ Fatima Hassanin u/jew persuni/entitajiet ohra,

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Fatima Hassanin billi jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f’każ ta’ ħtija jigu applikati l-provvedimenti ta’ l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

In breve, il-fatti tal-każ li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni huma s-segwenti:-

Fatima Hassanin u l-imputat Charles Zahra kienu f'relazzjoni ma' xulxin għal ċirka ħamsa u għoxrin sena u għandhom tifel, Omar Charles Zahra. Din ir-relazzjoni spiċċat fi Frar 2017.

Jirriżulta li fil-25 ta' Mejju 2017 Fatima Hassanin kienet irapportat lil PS 1314 Raymond Ambrogio ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema, illi dakinhar stess kienet ġiet aggredita ġewwa r-residenza tagħha stess mill-imputat Charles Zahra, fejn abbużaha sesswalment, weġġagħha u sofriet xi ġrieħi. Iżda għamlitu ċar li ma riditx tagħmel rapport formali fil-konfront ta' Charles Zahra u riedet biss li jiġi mitkellem mill-Pulizija biex iħalliha bi kwietha u fil-fatt, l-imputat ġie mitkellem dakinhar stess minn PS 1314 Raymond Ambrogio fejn ingħata struzzjonijiet biex ma jersaqx lejn Fatima Hassanin.

---

[1] Fol. 9.

Fil-5 ta' Ottubru 207 Fatima Hassanin irrapportat lill-Pulizija li matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2017 bdiet tirċievi telefonati anonimi matul il-lejl fuq it-telefon ċellulari tagħha. Għamlet ukoll rapport formali dwar l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 fejn ġiet aggredita u abbużata sesswalment minn Charles Zahra.

**Provi tal-Prosekuzzjoni**

**WPS 256 Leanne Sant** xehdet[2] illi fis-6 ta' Ottubru 2017 Fatima Hassanin rikorriet ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema u talbet tiġbor kopja tar-rapport li kienet għamlet lil PS 1314 Raymond Ambrogio fil-25 ta' Mejju 2017. WPS 256 Leanne Sant xehdet li dan ir-rapport ma setax jinstab fis-sistema u kien għalhekk li WPC151 Francesca Zahra ħadet mill-ġdid il-verżjoni ta' Fatima Hassanin dwar l-episodju li seħħ fil-25 ta' Mejju 2017, liema verżjoni tinsab fir-rapport esebit fl-atti bħala Dok. LS1.

**PS 1314 Raymond Ambrogio** xehed[3] illi f'Mejju 2017 f'xi ħin fil-għaxija, kienet kellmitu Fatima Hassanin fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fejn kien stazzjonat dak iż-żmien. Hi ġiet mat-tifel tagħha iżda t-tifel qagħad jistenna fil-kuritur. Hu kien jafha minħabba moviment politiku li kienu jifformaw parti minnha u dakinhar ra li kienet taħt xokk u riedet tkellmu x'imkien privat. Għalhekk marru fil-bitħa tal-Għassa fejn qaltlu li dakinhar stess Charles Zahra ried bilfors jagħmel l-att sesswali magħha bil-forza iżda meta qalilha li kien ser idaħħal Spettur biex isir rapport uffiċjali dwar dan, hi rifjutat li jsir rapport għaliex peress li kienet sejra tikkontesta l-elezzjoni ġenerali bħala kandidat tal-Moviment Patrijotti Maltin, beżgħet li xi ħadd jgħaddi l-informazzjoni lil xi ġornalist u tiġi pubblikata għad-detriment tagħha. Għalhekk hu ma kellem lil ħadd dwar dak li rraportatlu Fatima Hassanin. Hi xtaqet minflok li huwa jkellem lil Charles Zahra biex hu jieqaf jersaq lejha jew jagħmel xi mod kuntatt magħha u hu hekk għamel.

---

[2] Xhieda tal-20 ta' Ġunju 2019.
[3] Xhieda tal-20 ta' Ġunju 2019.

PS 1314 xehed illi huwa għamel kuntatt ma' Charles Zahra li mill-ewwel mar l-Ghassa mingħajr ebda problema. Hu qallu li kellu rapport fuqu dwar vjolenza domestika u kkonferma li lil Charles Zahra kien fissrlu wkoll fid-dettall dak li rapportatlu Fatima Hassanin, għalkemm ma jiftakarx eżattament il-kliem li qallu. Iżda in segwitu, meta xehed in kontro-eżami, ix-xhud qal li ma kienx ċert jekk fil-verita' lil Charles Zahra kienx qallu biss il-kliem "*Għandi rapport ta' vjolenza domestika. Qed inwissik biex ma tkellimhiex*", skont kif ġie suġġerit lilu mid-difiża. Madankollu ikkonferma li Charles Zahra stqarrlu illi dak li seħħ, seħħ bil-kunsens ta' Fatima. Meta rrapporta lura lil Fatima dwar dak li qallu l-imputat, Fatima qaltlu li l-aqwa kien kellem lil Charles Zahra biex jieqaf jagħmel kuntatt magħha. Huwa xehed ukoll li ma kienx mgħarraf illi in segwitu, Fatima għamlet rapport uffiċjali dwar l-istess episodju li seħħ f'Mejju 2017 u qatt ma ra r-rapport li sar fil-5 ta' Ottubru 2017. Ikkonferma wkoll li Fatima Hassanin qatt ma reġgħet kellmitu dwar il-każ.

**Fatima Hassanin** xehdet[4] illi kellha relazzjoni mal-imputat għal iktar minn għoxrin sena u għandhom tifel. Ir-relazzjoni ntemmet fi Frar 2017 u hi telqet mir-residenza fin-Naxxar fejn kienu joqogħdu u marret toqgħod fil-post tagħha ġewwa l-Gzira. Iddeskriviet lill-imputat bħala bniedem aggressiv li jpejjep il-ħaxixa minn filgħodu sa filgħaxija u darba, għall-ħabta tal-2016, għamel dan quddiem it-tifel minkejja l-protesti tagħha. Dak iż-żmien kienet telqet mid-dar u marret toqgħod maz-zija tagħha iżda reġgħet marret lura wara li l-imputat kien wiegħdha li ser jinbidel.

Xehdet illi minkejja dan, l-imputat baqa' jpejjep il-ħaxixa, beda jgħajjarha u darba minnhom, f'Ottubru 2016 saħansitra sakkarha fil-kamra tas-sodda u ma ħallihiex toħroġ u dan għaliex hi kienet ħarġet ma' ħabiba tagħha. Meta kienet daħlet id-dar u kienet qed tibgħat messaġġ lil din il-ħabiba, l-imputat ħadilha l-mobile u mbagħad waddabulha. Bil-lejl, gidimha f'daharha u meta qamet maħsuda, qalilha biex titlaq 'il barra. Kif raha bdiet tilbes, hu sakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda u wara xi siegħa u nofs daħal b'sikkina u ppuntaha lejn il-parti tiegħu u qalilha li lest anke jaqta' l-parti

---

[4] Xhieda tat-12 ta' Diċembru 2019, u xhieda tad-9 ta' Novembru 2020 in kontro-eżami.

tiegħu barra. Hi ġġennet u tant bdiet tibża' mill-imputat illi ċemplet lil ħuh li joqgħod l-Ingilterra, dwar dan l-episodju u ħuh qalilha biex toqgħod attenta għaliex jaf li Charles Zahra għandu s-snieter id-dar u jaf li hu bniedem vjolenti. Qalilha wkoll biex tfittex l-iskrataċ u tnennihom. Sadanittant bdiet tippjana biex titlaq u lit-tifel talbitu biex kemm jista' jkun jorqod id-dar mhux għand l-għarusa li kellu ħalli ma tkunx waħehda mal-imputat.

Dakinhar li telqet mid-dar l-imputat beda jċemplilha biex ma titlaqx u biex jitkellmu, iżda ma felħitx iktar. Għalkemm hija kienet tħobbu ħafna u pprovat iżżomm relazzjoni ċivili mal-imputat, anke minħabba t-tifel tagħhom, sabitu impossibbli biex tagħmel dan. Kien iġibilha xi ħwejjeġ li kien għad kellha fil-post tiegħu in-Naxxar u hi kienet tistiednu għandha jiekol magħha u mat-tifel iżda darba minnhom, inqala' argument għaliex lit-tifel u l-għarusa tiegħu ried ikeċċihom 'il barra mill-flat li kien jikrilhom. Dakinhar, l-imputat beda jidgħi u jirrabja u minn hemmhekk iddeċidiet li ma jerġax jidħol għandha u qatgħet il-kuntatt miegħu, għalkemm wara ftit ġranet kien iċemplilha u hi ġie li twieġeb.

Fatima Hassanin xehdet illi ftit ġranet qabel l-inċident li seħħ fil-25 ta' Mejju 2017, kien mitilha l-kelb u peress li kienet ħaditha ħażin ħafna, l-imputat kien ġie jgħinha jniżżlu l-kelb. Meta xehdet in kontro-eżami, żiedet tgħid illi l-għada li l-imputat ġie jgħinha minħabba l-kelb, kien hemm it-tifel id-dar u ġie l-imputat, ipprova jgħannaqha fil-kċina u meta wrietu li ma tridx taċċetta t-tgħanniqa tiegħu, beda jissuppervja u jidgħi u minn hemmhekk ħadet id-deċiżjoni li trid taqta' kull kuntatt miegħu u lit-tifel qaltlu wkoll li mhux ħa terġa' tistiednu għall-ikel.

Fil-25 ta' Mejju 2017 kienet isfel ħdejn il-bieb, flimkien mal-ġar tagħha, u l-imputat beda jċempel fuq il-mobile tagħha iżda ma weġbitux. Fil-pront issibu ma' wiċċha fil-bieb u qalilha li ried ikellimha. Meta staqsietu x'irid qalilha li ma kien ser jagħmlilha xejn, imbottaha minn spallitha li huwa jaf li tuġagħha bl-artrite u ġibdilha idha biex telgħu fuq fir-residenza tagħha. Hi kienet waħedha u beżgħet. Qalilha biex ipoġġu ħa jitkellmu u meta kienu bilqiegħda fis-salott, hi fuq is-sufan wieħed u hu fuq ieħor bil-

mejda bejniethom, qalilha li jħobbha ħafna, ma jiflaħx jgħix mingħajrha u mar jgħannaqha. Hi inġibdet lura u qalilha "*Ma tridx tgħannaqni*?" Hi weġbitu li ma riditix u li ma kienetx għadha tħobbu u l-imputat fil-pront ifferoċja, qabeż fuqha u bil-piż tiegħu fuqha tefagħha lura. Billi kienet liebsa libsa, irnexxilu jneħħielha l-qalziet ta' taħt u daħħal idejh filwaqt li gidimha wkoll fuq sidirha, fil-waqt li baqa' jżommha bl-id l-oħra. Beda wkoll bil-piż ta' ġismu jagħfas fuq għonqha u bdiet tipprova timbuttah minn fuqha b'idejha u b'saqajha iżda bl-uġigħ tal-artrite ma felħitx anke għaliex dak il-ħin kien b'idejh fil-parti tagħha, jagħfas u jagħfas b'subajgħ. Minħabba f'hekk, għamlet tliet ijiem bid-demm ħiereġ mill-parti tagħha. Dak il-ħin saqsietu għaliex kien qed iweġġagħha u beda jkellimha ħażin u beżqilha waqt li kien għadu fuqha. Kif tela' minn fuqha beda jonfoħ u kien qiesu wiċċ ix-xitan: qaltlu "*għalfejn għamiltli hekk?*". Weġibha b'kliem pastaż u qalilha li hekk kien jixraqilha u qalilha wkoll biex tmur tagħmel rapport lill-Pulizija fejn hu weġbitu li żgur ma kienet qatt sejra tirranġa miegħu jew tkellmu iktar. Sadanittant hi ppruvat tqum bil-mod għaliex kienet muġugħa u dak il-hin l-imputat resaq lejn il-bieb ta' barra fejn qabad lasta ta' xkupa li kienet mal-bieb u ta daqqa biha fuq ix-xambrella tal-bieb u mbagħad ġie jagħti lilha biha. Fil-fatt laqatha f'idha l-ewwel darba u kif ġie biex jagħtiha t-tieni waħda, irnexxilha tiġbidha iżda hu reġa' ġibed il-lasta lura u taha daqqa biha taħt żaqqha fejn imbagħad ħarġitilha tbenġila mdaqqsa. Hi kienet mal-art u ma felħitx tqum, dak il-ħin l-imputat qalilha: "*Muġugħa, muġugħa?*" u beżqilha u ħareġ 'il barra.

Ftit tal-ħin wara ċemplilha t-tifel, Omar, fejn qalilha li kien ċempillu missieru u staqsiha x'kien ġara. Għalkemm ma qaltlux preċiżament x'kien appena għamel l-imputat, it-tifel baqa' ġej id-dar minn fuq ix-xogħol u meta raha muġugħa u tibki, qabdu rabja kbira. Għall-ħabta tal-4.00 p.m. jew 5.00 p.m. marret flimkien mat-tifel tagħha biex tagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija fejn sabet lis-Surġent Ambrogio u qaltlu x'kien ġara u l-imputat x'kien għamlilha. Għalkemm it-tifel għinnha titla' t-taraġ tal-Għassa, hi kienet daħlet l-Għassa waħedha biex tkellem lis-Surġent u t-tifel mar jistenna fil-karozza peress li kienet ipparkjata ħażin. Fissret illi peress li dak iż-żmien kienet riesqa l-elezzjoni ġenerali u hi kienet kandidat, qaltlu li ma riditx tagħmel rapport uffiċjali ma jmurx isimha jispiċċa fil-midja u għalhekk ftiehmu li s-

Surġent ikellem lil Charles Zahra biex ma jersaqx lejha. Ftit tal-ġranet wara s-Surġent Ambrogio ċemplilha u qalilha biex isserraħ rasha għaliex lill-imputat kien avżah biex ma jersaqx lejha u jħalliha bi kwietha.

Fatima Hassanin xehdet ukoll li għalkemm b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat, kienet muġugħa, bilkemm felħet timxi u kien ħiereġ id-demm mill-parti privata tagħha, hija ma marritx għand tabib jew f'xi ċentru tas-saħħa għaliex kienet taf ir-raġuni l-għala kien ħiereġ id-demm u f'kull każ qabbditha mistħija kbira bħalma ħassitha tistħi tirrakkonta dan l-episodju fil-Qorti. Ikkonfermat li t-tbenġila fuq żaqqha damet madwar għaxart ijiem u d-demm dam ġej xi tliet ijiem. Xehdet ukoll li għalkemm m'għandhiex ritratti tal-ġrieħi li soffriet, oħtha kienet rat dawn il-ġrieħi.

In segwitu għal dan l-episodju, hija ma kellha l-ebda komunikazzjoni mal-imputat, għalkemm hu kien jikkomunika magħha fuq Facebook billi jibagħtilha xi diska, iżda hi qatt ma weġbitu. Bdiet issakkar il-bieb ta' isfel kif ukoll il-bieb ta' fuq tar-residenza tagħha fil-għaxija u anke jekk tistrieħ siegħa wara nofsinhar issakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda tagħha.

Ikkonfermat illi in segwitu, sal-aħħar ta' Settembru 2017, kienet tilmħu tiela' minn quddiem id-dar tagħha bil-karozza iżda qatt ma waqaf. Imbagħad għall-ħabta tal-aħħar ta' Settembru, bidu ta' Ottubru, bdiet tirċievi telefonati anonimi, minn numru privat, għall-ħabta tal-4.00 a.m. u l-5.00 p.m. daqqa tisma' diski, daqq'oħra xi ħadd jonfoħ jew inkella xejn. Fil-5 ta' Ottubru 2017 għall-ħabta tas-7.00 p.m. kien dieħel il-partner tagħha għandha u ħarġet fil-gallarija biex tnewwillu ċ-ċavetta meta rat lil Charles Zahra għaddej bil-karozza jsuq bis-saħħa. Ċaħdet li dakinhar l-imputat kien ġie jiġbor it-tifel. Fissret li dakinhar marret l-Għassa tal-Pulizija biex tirrapporta dan l-inċident u hemmhekk, billi rrejalizzat li l-imputat ma kienx qed iħalliha bi kwiet, reġgħet spjegat lill-uffiċjal tal-Pulizija x'kien ġara fil-25 ta' Mejju 2017 meta Charles Zahra kien daħal fir-residenza tagħha u attakkaha.

In kontro-eżami, Fatima Hassanin ċaħdet li l-episodju li allegatament seħħ fil-25 ta' Mejju 2017 huwa biss messa in xena li hija ħolqot biex tissikka lill-imputat ħalli jittrasferilha xi proprjetajiet li dwarhom fetħitlu kawża ċivili f'April 2018.

**Omar Charles Zahra**, bin l-imputat u l-parti leża, xehed[5] illi fil-25 ta' Mejju 2017 hu kien ix-xogħol u għall-ħabta tas-1.00 p.m. irċeiva telefonata mingħand missieru fejn qallu li kien għadu kif kellu argoment ma' ommu imma ma riedx jidħol f'dettall u qata'. Għalhekk hu mill-ewwel ċempel lil ommu iżda ma riditx tkellmu u rrejalizza li l-affarijiet ma kienux sew. Imbagħad ommu infaqgħet tibki u qaltlu li missieru kien weġġagħha. Hu mar għand l-imgħallem tiegħu biex jgħidlu li kellu jitlaq minn fuq ix-xogħol u mar id-dar fejn hu u tiela' t-taraġ il-bieb kien miftuħ u ra l-lasta tal-mopp fl-art u dak il-ħin induna li kien ġara xi ħaġa. Kif daħal ra lil ommu fuq is-sufan tibki u titriegħed u żżomm żaqqha. Hu qatt ma raha hekk qabel; staqsiha x'kien ġara iżda ma riedetx tgħidlu mill-ewwel, kienet qed tibki. Wara li baqa' jissikkaha, qaltlu li missieru kien sawwatha bil-lasta, aggrediha sesswalment u gidimha. Urietu l-lasta li sawwatha biha u wrietu wkoll il-ħmura fejn kien laqatha fuq żaqqha iżda ma kienx ra l-gidma fuq sidirha: meta ommu tkun qed tbiddel, hu dejjem joħroġ mill-kamra.

Omar Zahra spjega li ommu kienet qed tistħi u seta' jara li kienet mistħija u kien ovvju għalih li kienet skomda tgħidlu x'ġara u allura qaltlu li missieru kien sforza ruħu fuqha u beda jmissha iżda ma riditx tkompli tgħidlu u bdiet tibki. Għalhekk hu ċempel lil missieru minnufih u staqsih x'kien għamel lil ommu. Huwa xehed li missieru dak il-ħin qallu li pprova jkollu x'jaqsam sesswalment ma' ommu ("*his words were he tried to have sex with my mother*")[6] u ħassu irrabjat ħafna ma' missieru. Imbagħad, għall-ħabta tal-4.00 p.m. jew 5.00 p.m. mar ma' ommu l-Għassa tal-Pulizija iżda hu baqa' fil-karozza.

Dakinhar iddeċieda li jibqa' joqgħod ma' ommu biex jassigura li ma jiġrilha xejn u jaf li minn dakinhar hi bdiet torqod bil-bieb tagħha msakkar. Lil missieru baqa' ma rahx

---

[5] 12 ta' Diċembru 2019.
[6] Ara fol. 148.

sakemm ftit ġranet jew ġimgħa wara, inqala' argoment rigward appartament li kellhom ommu u missieru u li kien mikri għand l-għarusa li kellu qabel. Dakinhar ċemplitlu l-għarusa u qaltlu li missieru kien mar iħabbtilha b'mod aggressiv fejn ried jiġbor l-ammont sħiħ tal-kera mentri s-soltu dan kien jinqasam bejn ommu u missieru. Omar Zahra xehed li hu mar fuq il-post u hemmhekk sab lil missieru u l-familja tal-għarusa tiegħu u din kienet l-ewwel darba li kien kellem lil missieru wara l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017. Hemmhekk missieru kien għannqu u talbu jaħfirlu ta' dak li għamel lil ommu.

Fisser illi meta ntemmet ir-relazzjoni bejn missieru u ommu ftit xhur qabel dan l-inċident, meta ommu marret toqgħod għal rasha, hu kien jipprova jaqsam il-ħin bejn ommu u missieru u kien hemm xi żewġ okkażjonijiet fejn hu stieden lil missieru għall-ikel għand ommu u ommu kienet tifhem li kien iħoss il-bżonn li jagħmel dan. Iżda s-sitwazzjoni kienet skomda u missieru kien joqgħod fuq is-sufan, jonfoħ u ma jitkellimx.

Imbagħad, wara l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 huwa baqa' jgħix għand ommu u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni iktar bejn ommu u missieru. Min-naħa tiegħu, ried iżomm kuntatt ma' missieru u jagħtih opportunita' oħra għaliex kien iħobbu ħafna u għalhekk, meta ltaqa' miegħu xi ġimgħa wara l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 fl-appartament mikri lill-għarusa li kellu, fejn missieru talbu jaħfirlu ta' dak li kien għamel lil ommu, huwa kien qal lil missieru li kien ser jaħfirlu bil-kundizzjoni speċifika li ma jerġax jarah jittratta mara oħra b'diżrispett. Għalhekk reġa' beda jikkomunika ma' missieru u beda jaqsam il-ħin bejn il-ġenituri u beda jmur għand missieru u jorqod hemmhekk. Missieru kien iwasslu wkoll id-dar ta' ommu iżda ma kienx jieqaf eżatt quddiem id-dar iżda fil-kantuniera.

Omar Zahra xehed li huma baqgħu għaddejjin hekk sakemm darba minnhom, madwar tmien xhur wara l-inċident ta' Mejju 2017, meta kien għand missieru, mar juża l-computer tiegħu peress li missieru kien tah il-password u sab li missieru kien daħal f'*website* fejn jinxtraw in-nisa u ra li missieru kien qed ifittex biex jixtri mara.

Għalhekk iddeċieda li jaqta' kull kuntatt mal-istess missieru. Ftit qabel, kellu wkoll argoment ma' missieru dwar polza tal-assigurazzjoni li missieru stess kien waqqaf meta kien għadu żgħir: hu ried jixtri proprjeta' iżda missieru ma riedx jirrilaxxa l-flus mill-polza. Minkejja dan l-argoment u minkejja l-fatt li huwa qata' lil missieru barra kompletament minn ħajtu, missieru xorta waħda baqa' jibgħat ta' spiss messaġġi li jħobbu u jimmissjah.

Omar Zahra spjega ukoll li bosta mill-argomenti bejn ommu u missieru lejn l-aħħar tar-relazzjoni tagħhom kienu minħabba l-użu tad-droga marijuana da parti ta' missieru għaliex kull meta ma kienx ikollu droga, kien isir vjolenti miegħu u ma' ommu. Qal li fl-aħħar argoment li kellhom ommu u missieru, omm kienet qaltlu biex ma jibqax juża d-droga fil-presenza tiegħu iżda minkejja dan, darba fost l-oħrajn missieru kellu ammont ta' droga fuq il-mejda u ommu kienet irrabbjat ħafna. Dakinhar missieru kien vjolenti u kien qed jgħajjat u joffendi lil ommu u għalhekk hu kien imbottah fil-kamra tas-sodda.

**Carmen Hassanin**, oħt il-parti leża, xehdet illi fis-26 ta' Mejju 2017 ċemplitilha oħtha u kienet imwerwra. Marret għandha d-dar tagħha l-Gżira u sabitha tibki u mwerwra: oħtha wrietha sidirha fuq in-naħa tax-xellug fejn kellha marka ta' gidma bil-ħmura li kienet qed iddur għal tbenġil. Urietha wkoll tbenġila sewda li kellha taħt żaqqha u qaltilha li kellha d-demm ħiereġ mill-ġurnata ta' qabel. Oħtha spjegatilha li l-ġurnata ta' qabel daħal għandha l-imputat u pprova jisfurzaha biex ikollu x'jaqsam sesswalment magħha u meta hi ppruvat timbottah, gidimha u taha daqqa taħt żaqqha. Dakinhar stess, 26 ta' Mejju 2017, ċemplet lil Charles Zahra u qaltlu biex ma jersqx lejn oħtha, fejn hu qabad joffendiha u qatgħetlu.

Carmen Hassanin xehdet ukoll li minn dakinhar ipprovat tmur għand oħtha iktar ta' spiss u ġie li raqdet għandha biex ma tħallihiex waħehda u darba minnhom, f'Settembru 2017 kienet għand oħtha fil-gallarija tpejjep sigarett u rat lil Charles Zahra għaddej bil-mod b'karozza Mercedes quddiem id-dar ta' Fatima xi ħin wara nofsinhar. Qalet li dakinhar, it-tifel ta' Fatima, Omar, kien diġa' d-dar u ma reġgħex

ħareġ u mhux minnu li missieru kien għadda biex jiġbor lit-tifel. Fissret ukoll li dak iż-żmien Fatima kienet qaltilha li kienet qed tirċievi telefonati anonimi u li kienet imwerwra.

**Provi Difiża**

**L-imputat, Charles Zahra**, meta ġie mitkellem formalment mill-Pulizija dwar ir-rapporti li għamlet Fatima Hassanin fil-konfront tiegħu, irrilaxxa stqarrija fl-20 ta' Frar 2019[7] fejn stqarr illi għalkemm hu minnu li huwa kien imur fir-residenza tagħha ta' spiss, ċaħad li refa' idejh fuqha u weġġagħha jew li abbużaha sesswalment. F'din l-istqarrija, l-imputat iddikjara li r-relazzjoni mal-parti leża ntemmet diversi xhur qabel meta hija telqet mill-post fejn kienu jgħixu flimkien u marret tgħix għal rasha u dan għaliex kellha relazzjoni ma' xi ħaddieħor. Sostna li anke wara li telqet mid-dar u sat-23 ta' Mejju 2017, hija baqgħet iċċempillu biex jiltaqgħu ġod-dar tagħha u kemm il-darba raqad għandha, fejn għalkemm kien ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin sesswalment, hu kien jaf li fl-istess ħin kienet tiltaqa' ma' raġel ieħor. Għamel jumejn ma rahiex u mbagħad ċemplilha u mar għandha biex jara x'ser issir mir-relazzjoni tagħhom u jiċċara l-pożizzjoni tiegħu f'din ir-relazzjoni. Dan għamlu għaliex ħass li Fatima kienet qed tużah u ma setax ikompli għaddej daqqa tridu u daqqa ma tridux[8].

L-imputat stqarr li mar fid-dar tagħha l-Gżira fejn "*... ġiet tiftaħli, tlajna fuq biex nitkellmu, għamlitli kafe' għal darba tnejn, tkellimna, argumentajna, għajjarna lil xulxin u finalment tlaqt 'il barra*"[9]. Hu jiċħad li pprova jkollu x'jaqsam ma' Fatima jew hi miegħu iżda stqarr li bħalma jagħmel is-soltu, meta kienet fil-kċina qed tagħmillu kafe', mar minn wara "*għannaqtha u qbadtha bħalma kont naqbadha dejjem*" u hi m'għamlet xejn, la kompliet miegħu u lanqas qaltlu biex jieqaf. Hu spjega li għalih din kienet rejazzjoni normali għaliex Fatima minn dejjem kienet pjuttost bierda miegħu mil-lat sesswali. Meta ġie konfrontat bil-verżjoni li Fatima Hassanin rapportat lill-Pulizija, l-imputat ċaħad li abbużaha sesswalment b'xi mod kif

[7] Dok. MM3.
[8] Paġna 9, 10 ta' Dok. MM3.
[9] Paġna 11 ta' Dok. MM3.

iddeskriviet l-allegat vittma u qal li qiegħda tigdeb. Iżda stqarr li huwa minnu li dakinhar hu rrabja u għajjarha "*prostituta*" waqt l-argoment li kellhom u li qalilha wkoll "*ieqaf tnejjek bija*" għaliex kien jaf li qiegħda f'relazzjoni ma' ħaddieħor. Hu ċaħad li messha f'xi ħin waqt li kien irrabjat, ċaħad li qabad mopp f'idejh u ċaħad ukoll li xeħet dan l-mopp lejn il-parti leża jew sawwatha bih dakinhar. Madanakollu, hu spjega li meta telaq u sabbat l-bieb warajh, il-mopp li kien imdendel fuq il-bieb intern fuq in-naħa ta' barra, waqa' fl-art u hu ħallih hemm.

L-imputat qal illi wara dak l-episodju huwa qatt ma reġa' kkuntattja lil Fatima Hassanin u stqarr li kien għamel kuntatt miegħu is-Surġent Ambrogio u qallu biex ma jersaqx lejha. Madanakollu, hu ammetta li kien ċemplilha b'mod anonimu matul ix-xahar ta' Settembru u Ottubru 2017 f'diversi ħinijiet matul il-lejl u qal li meta kienet twieġeb hu kien jaqta'. Qal li għamel hekk għaliex "*Fatima Hassanin qatt m'ammettiet mieħgi illi kienet f'relazzjoni ma' ħaddieħor, jiena dawk il-ġranet kont iltqajt ma' dan il-proxxmu li kien qiegħed magħha dieħel ġol-post tagħha*" u qal li kien iċempel għaliex kien jaf li huwa kien qiegħed ma' Fatima u "*kont inħossni waħdi probabbilment għax kont inħossni irrabjat u rdit nisma' l-verita*"[10]. Stqarr ukoll li Fatima weġġgħetu ħafna "*ma nistax infehmek sa liema livell*".

Fl-istqarrija tiegħu, Charles Zahra, meta ġie konfrontat bil-verżjoni li ibnu Omar Charles Zahra irrilaxxa lill-Pulizija b'rabta ma' dan l-episodju, ammetta li fil-25 ta' Mejju 2017 kien ċempillu l-istess ibnu fejn staqsih għaliex kellu xi jgħid ma' ommu u fejn l-istess ibnu insista li ma riedx ikellmu anke wara li assigurah li għalkemm veru kellhom argument, ma kienx refa' idejh fuqha jew abbużaha sesswalment. Fl-istess nifs, insista li ibnu ma kienx qallu li Fatima allegat li hu abbuzaha sesswalment. Stqarr ukoll li fl-istess ġurnata ċemplitlu wkoll oħt Fatima, Carmen, u qaltlu "*tersqax lejn oħti*."

Meta ġie konfrontat bir-rapport li sar minn Fatima Hassanin fil-5 ta' Ottubru 2017 għall-ħabta tal-11.00 p.m., fejn irrapportat lill-Pulizija li huwa kien għadda kemm il-

---

[10] Paġna 18, 19 ta' Dok. MM3.

darba bil-karozza quddiem ir-residenza tagħha u illi dakinhar stess għadda *wrong way*, ġie quddiem il-bieb tar-residenza tagħha, għaqqad it-tyres tal-karozza u saq b'veloċita' kbira, Charles Zahra innega li għamel dan. Iżda stqarr li dakinhar għall-ħabta tal-5.00 p.m. huwa ra lil John Debattista dieħel id-dar ta' Fatima Hassanin u waqaf quddiem il-bieb iħares lejh mingħajr ma kellmu u mbagħad dawwar u telaq. Lilha ma rahiex dakinhar u qatt ma reġa' kellimha.

Meta xehed quddiem il-Qorti fil-21 ta' Frar 2022, l-imputat Charles Zahra spjega li r-relazzjoni ma' Fatima Hassanin spiċċat fit-8 ta' Frar 2017 meta telqet mid-dar tiegħu fejn kienu joqogħdu, in-Naxxar għaliex kellha relazzjoni ma' xi ħaddieħor, għalkemm skont hu, ir-relazzjoni kienet ilha li ntemmet ħafna qabel, fl-2016. In segwitu, kien jikkomunika magħha biex tirritorna xi oġġietti li kienet ħaditlu mid-dar meta telqet u biex jaqsmu l-affarijiet li kienu tagħha, iżda ma waslux għal ftehim. Fil-25 ta' Mejju 2017 huwa reġa' mar id-dar tagħha biex ikellimha fuq din il-materja kif ukoll biex jipprova jirranġa r-relazzjoni tagħhom għaliex kien għadu jħobbha u hi kienet qed tilgħab bl-emozzjonijiet tiegħu. Xehed illi sadanittant, bejn it-8 ta' Frar 2017 u t-23 ta' Mejju 2017 huma ġie li kienu jiltaqgħu id-dar ta' Fatima għaliex kienet iċċempillu biex imur għandha u kienu wkoll jorqdu flimkien fejn kellhom x'jaqsmu sesswalment. Huwa spjega li fil-25 ta' Mejju 2017, ma kienx avża lil Fatima li kien sejjer għandha (in statement he said he called her). Meta wasal, ħabbat il-bieb u kellha tinżel tiftaħlu għaliex l-intercom ma kienx qed jaħdem u talabha jidħlu ġewwa biex jitkellmu dwar l-affarijiet li kellhom pendenti bejniethom. X'ħin daħlu, talabha tagħmillu kafe' bħas-soltu u mbagħad marru jitkellmu fis-salott. Qal li Fatima bdiet twebbes rasha fuq l-affarijiet li kienet ħadet mill-appartament tiegħu u tkellem magħha wkoll dwar kif ser jaqsmu ż-żewġ appartamenti li kellhom in komun. Sadanittant għamlitu kafe' ieħor.

Imbagħad huwa rrabja, beda jgħolli leħnu u hi bdiet ukoll tgħolli leħinha, għajjritu u hu wieġeb billi għajjarha wkoll lura anke billi uża l-kelma "*qaħba*" għaliex ħass li kienet serviet bih. Meta ra li l-argument kien qed jeskala u ma kien ser jasal imkien qabad u telaq 'il barra irrabbjat u sabbat il-bieb intern. Minħabba f'dan, il-lasta tal-mopp li kien imdendel mal-bieb, waqa' mal-art. Hu ċaħad li sawwat lil Fatima b'din

il-lasta u saħaq li qatt ma refa' idejh fuqha tul l-għoxrin sena li kienu f'relazzjoni. Ċaħad ukoll li huwa għamel lil Fatima l-affarijiet l-oħra li xehdet dwarhom.

L-imputat xehed illi għall-ħabta tas-7.30 p.m. ċempillu t-tifel Omar u beda jirrabja miegħu fuq it-telefon u jsaqsih x'kien għamel lil ommu u meta pprova jifhem x'kienet qaltlu ommu, it-tifel qata' u meta pprova jċempillu lura ma weġibx. Xehed ukoll li f'dik it-telefonata it-tifel qallu "*tersaqx lejja u lejn ommi, qalli inti qisek annimal ... kellek xi tgħid magħha*" u hu wieġbu hekk: "*għidtlu veru kelli xi argument magħha, għidtlu imma x'ġara b'daqshekk billi kelli argument magħha, għidtlu taf is-sitwazzjoni kif inhi. ... bgħattni nixxejjer*". Madwar tliet ġimgħat wara, it-tifel ċempillu u kienu ltaqgħu u kien imur iwasslu kull filgħodu għax-xogħol iżda l-allegat inċident tal-25 ta' Mejju 2017 qatt ma semmihulu.

L-imputat xehed ukoll li dakinhar ċemplitlu wkoll Carmen Hassanin, oħt Fatima, u hi wkoll bdiet tgħajjru u toffendih u qaltlu biex ma jersaqx lejn oħtha għax ittih daqqa ta' karozza. Meta saqsiha x'kien ġara, qatgħetlu t-telefon u ma bdietx tirrispondi għat-telefonati tiegħu. Ċemplulu wkoll mill-Għassa tal-Pulizija fil-25 ta' Mejju 2017 biex imur ikellem lis-Surġent Raymod Ambrogio. Meta mar ikellmu, is-surġent qallu li hu kien wettaq vjolenza domestika fuq Fatima, mingħajr ma speċifikalu x-xorta ta' din l-allegat vjolenza. Qallu wkoll biex ma jersqax lejha u biex iħalliha bi kwietha u minn dakinhar ma kellux iktar kuntatt fiżiku magħha.

L-imputat xehed illi r-relazzjoni tiegħu ma' ibnu qabad jiddeterjora fi Frar 2018 meta kellhom argoment għaliex hu ma aċċettax li jiffirma biex jiġu rilaxxati l-fondi minn polza tal-assigurazzjoni li kienet intiża għal ibnu. Stqarr ukoll li huwa minnu li huwa kien jidħol fuq *dating websites* dak iż-żmien iżda dawn kienu siti Maltin u ċaħad li huwa kien qed jipprova jħallas flus biex jixtri mara fuq xi *website*. Sostna li huwa qed jiġi akkużat b'egħmil li ma wettqux u qal li ibnu gideb kontrih.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu. Fil-fatt, għas-sejbien ta' ħtija kriminali, is-sistema ġuridiku tagħha jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[11], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[12].

---

[11] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

[12] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[13]

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-każ partikolari, il-Qorti trid tara wkoll jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk,*

[13] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

*applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[14]

**L-imputazzjonijiet konnessi mal-inċident tal-25 ta' Mejju 2017.**

Il-Qorti tibda biex tosserva li m'hijiex korretta d-difiża fis-sottomissjoni tagħha li Fatima Hassanin għamlet ħames xhur tistenna biex tirrapporta l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 u l-allegat aggressjoni tal-imputat, lill-Pulizija.

Huwa minnu illi l-verżjoni ta' Fatima Hassanin dwar il-fatti li seħħew fil-25 ta' Mejju 2017 meta l-imputat kien id-dar tagħha, ingħatat formalment lill-Pulizija biss fil-5 ta' Ottubru 2017[15] meta l-istess Fatima Hassanin marret tirrapporta li l-imputat kien għadda quddiem id-dar tagħha u li ħassitha mheddha peress li kienet qed tirċievi telefonati anonimi bil-lejl u kienet qed tissuspetta fl-imputat. Iżda huwa abbuntantement ippruvat illi Fatima Hassanin infurmat lill-Pulizija bl-aggressjoni tal-imputat dakinhar stess tal-25 ta' Mejju 2017[16], iżda kienet għamlitha ċar li ma riditx li jittieħedu passi fil-konfront tal-imputat għaliex ma riditx li l-każ joħroġ fil-beraħ dak iż-żmien minħabba li kienet kandidata fl-elezzjoni ġenerali. Dan seħħ – u l-Pulizija ma pproċedewx *ex officio* fuq id-denunzja li saret, għad b'mod kunfidenzjali – biss għaliex din id-denunzja saret b'mod kunfidenzjali lil PS 1314 Raymond Ambrogio li kien jaf lill-parti leża fuq livell personali għaliex kienu membri fl-istess għaqda politika. Ir-raġuni għaliex hi ma riditx li tagħmel rapport formali dakinhar u riedet

[14] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[15] Ara xhieda WPS 256 Leanne Sant.
[16] Ara xhieda tal-istess Fatima Hassanin, xhieda ta' PS 1314 Raymond Ambrogio u xhieda ta' Omar Zahra.

biss li l-imputat jiġi mitkellem mill-Pulizija biex ma jerġax javviċinah u biex ma jkellimhiex, ġiet affermata minn PS1314 Raymond Ambrogio li fix-xhieda tiegħu ikkonferma wkoll li huwa bagħat għall-imputat, qallu li kellu rapport ta' vjolenza domestika mingħand Fatima Hassanin fil-konfront tiegħu u wissih biex ma jersaqx iktar lejha.

Fuq kollox, l-imputat innifsu stqarr li dakinhar stess li kellu argoment ma' Fatima Hassanin, fil-25 ta' Mejju 2017, huwa ġie mitkellem mill-Pulizija u ngħata struzzjonijiet biex ma jkellimx lil Fatima Hassanin u jħalliha bi kwietha. Afferma wkoll illi matul ix-xahar ta' Settembru u Ottubru 2017 kien ċemplilha b'mod anonimu diversi drabi matul il-lejl u li kien għadda darba quddiem ir-residenza tagħha.

Dan kollu jkompli jikkonvinċi lill-Qorti li Fatima Hassanin għamlet rapport uffiċjali biss fil-5 ta' Ottubru 2017 għaliex kien hemmhekk li sar ovvju għaliha illi l-imputat ma kienx qed jieħu bis-serjeta' t-twissija li kien ingħata mill-Pulizija fil-25 ta' Mejju 2017 biex iħalliha bi kwietha – u mhux għaliex ħalliet ħames xhur jgħaddu mingħajr ma ħadet l-ebda azzjoni.

Ikkunsidrat

Fl-isfond ta' dan l-allegat inċident, hemm ir-relazzjoni bejn l-imputat u Fatima Hassanin li damet ċirka għoxrin sena u li ntemmet fi Frar 2017 meta l-parti leża telqet mid-dar.

Skont l-imputat, hi telqet għaliex bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor; Fatima weġġgħetu ħafna u ried jirranġa r-relazzjoni magħha peress kien għadu jħobbha. Ħass li kienet qed tilgħab bl-emozzjonijiet tiegħu meta kienet iċċempillu biex jiltaqgħu u jkollhom x'jaqsmu iżda meta huwa kien jaf ukoll li fl-istess ħin kellha raġel ieħor. Dan hu kontestat mill-parti leża li sostniet li għajr f'okkażjoni waħda ftit ġranet qabel il-25 ta' Mejju 2017 meta kien mititilha l-kelb, qatt ma kienet iċċempel lill-imputat biex imur għandha. Madanakollu, hemm qbil li fil-25 ta' Mejju 2017, l-imputat mar iħabbat

għand Fatima Hassanin mingħajr ma avżaha spċeifikatament li kien sejjer għandha, daħal għandha, għamlitlu kafe' u poġġew bil-qiegħda fis-salott.

Iżda minn hawn 'il quddiem, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li huma manifestament kunfliġġenti kwantu għal dak li effettivament seħħ bejn l-imputat u Fatima Hassanin fid-dar tagħha. Il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hi li hekk kif Fatima Hassanin irrespinġiet l-avvanzi u t-tgħanniqa tal-imputat u qaltlu li ma jħobbhiex, huwa rrabja ħafna, imbottaha fuq is-sufan, għajjarha "*qaħba*" tela' fuqha bil-forża, gidimha f'sidirha u ppenetraha vaġinalment b'subajgħ kontra r-rieda tagħha u minkejja l-isforżi tagħha biex tneħħih minn fuqha. Qed jiġi allegat ukoll li l-imputat qabad lasta ta' xkupa u sawwatha biha fuq żaqqha u li b'dan kollu, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur tagħha u kkaġunalha ġrieħi gravi.

Il-verżjoni tal-imputat, min-naħa l-oħra, hi li meta kien għand Fatima, huwa rrabja għaliex ma bdewx jaqblu dwar il-qsim ta' xi proprjeta' li għandhom in komun bejniethom u affarijiet relatati, għolla leħnu u għajjarha "*qaħba*". Hu qal li dak il-ħin qabad u telaq u bir-rabja sabbat il-bieb bir-riżultat li l-lasta tal-mopp li kienet imdendla wara l-bieb intern tal-appartament, waqgħet mal-art. Jiċħad kategorikament li huwa abbuża lil Fatima Hassanin jew li sawwatha u kkaġunalha xi ġrieħi.

Għandu jingħad li mhux ftit huma dawk il-każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta'

karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[17], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[18] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Mill-provi jirriżulta illi f'ġurnata waħda, ċioe' fil-25 ta' Mejju 2017, Fatima Hassanin, oltre li kienet imbikkma u muġugħa u fi stat ta' xokk, qalet lil xejn inqas minn tliet persuni - binha, oħtha u lis-Surġent Raymond Ambrogio – dwar l-aggressjoni li wettaq fuqha l-imputat. Huwa stabbilit ukoll li dawn it-tliet persuni ċemplu kollha kemm huma, lill-imputat u qalulu biex ma jersaqx lejn Fatima Hassanin. Ma jirriżultax li xi ħadd mill-persuni li Fatima fetħet qalbha magħhom dakinhar dwar dak

[17] Deciza 9.7.2003.
[18] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

li seħħ ġo darha, ma xehed li Fatima lmentat dwar il-fatt li l-imputat kien għajjarha jew insulentaha u ma jirriżultax lanqas li xi ħadd minnhom wissa lill-imputat biex ma jgħajjarhiex jew ma jinsolentahiex. Għall-Qorti, l-episodju kien evidentement ferm iktar serju minn sempliċi argoment b'tgħajjir u diffiċilment jista' jitwemmen li bejn il-partijiet kien seħħ sempliċi argoment fejn, skont l-imputat, kull ma għamel għolla leħnu, għajjar lil Fatima u sabbat il-bieb warajh. Il-fatt innifsu li mill-provi jirriżulta li effettivament, Fatima Hassanin marret l-Għassa tal-Pulizija dakinhar stess biex tgħarraf lill-Pulizija bil-fatt li l-imputat ipprova jisforzaha biex jagħmel l-att sesswali magħha mingħajr il-kunsens tagħha, jiswa biex jissostanzja l-verżjoni tagħha li meta l-imputat daħal ġo-dar tagħha, seħħ inċident li mar ferm oltre argoment sempliċi u tgħajjir. F'kull każ, hija l-fehma tal-Qorti li argoment bħal dak li ddeskriva l-imputat mhux wieħed li huwa mistenni li jiġi rapportat lill-Pulizija, *multo magis* meta f'dan il-każ ma jirriżultax li Fatima Hassanin qatt irrapportat lill-Pulizija qabel dakinhar, xi inċident jew argoment – anke dawk vjolenti - li nqala' bejniethom. Magħdud dan il-fatt illi wara "*l-argoment*" tal-25 ta' Mejju 2017, twaqqaf għal kollox kull kuntatt u komunikazzjoni bejn il-partijiet, komunikazzjoni li kienet baqgħet sejra anke wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni tagħhom fi Frar 2017.

Fir-rigward il-Qorti tosserva wkoll illi minn eżami tal-estrazzjoni tal-messaġġi bejn il-partijiet fuq Facebook[19], jirriżulta li minkejja l-iskambju bejn il-partijiet ta' diversi messaġġi fil-ġimgħat qabel il-21 ta' Mejju 2017, Fatima Hassanin ma wieġbet l-ebda messaġġ mibgħut mill-imputat wara l-21 ta' Mejju 2017 għalkemm huwa għamel diversi tentattivi biex jikkomunika magħha. Dan l-istat ta' fatt jikkonforta l-verżjoni ta' Fatima Hassanin fix-xhieda tagħha li ftit ġranet qabel l-inċident li seħħ fil-25 ta' Mejju 2017, l-imputat meta ġie d-dar tagħha biex jgħinha minħabba li kien miet il-kelb tagħha, ipprova jgħannaqha fil-kċina u meta wrietu li ma tridx taċċetta t-tgħanniqa tiegħu, beda jissuppervja u jidgħi u minn hemmhekk ħadet id-deċiżjoni li trid taqta' kull kuntatt miegħu u lit-tifel qaltlu wkoll li mhux ħa terġa' tistiednu għall-ikel.

[19] Ara CD Dok. C (Pt. 1), formanti parti mir-rapport ta' Dr. S. Farrugia Sacco, xhud tad-difiża.

Min-naħa tiegħu, l-imputat ma jinnegax li kien mar iħabbat għand Fatima Hassanin fil-25 ta' Mejju 2017 u kellhom argoment, fejn huwa rrabja u għajjarha "*qaħba*"; stqarr ukoll li huwa mar għandha dakinhar għaliex kien imweġġa' ħafna bil-mod kif kienet qed tilgħab bl-emozzjonijiet tiegħu u kien jaf li kellha raġel ieħor. Iżda meta dan il-kwadru ta' fatti jitqiegħed fl-isfond tax-xhieda ta' Fatima Hassanin kif ukoll ta' bin il-partijiet Omar Zahra dwar l-istorja tal-imġieba aggressiva tal-imputat, il-Qorti temmen li meta Fatima Hassanin irrifjutat l-avvanzi tal-imputat u qaltlu li ma tħobbux, huwa rrabja u sar aggressiv. Għall-Qorti il-verita' tinstab fil-verżjoni ta' Fatima Hassanin, ċioe' li l-imputat irrabja hekk kif qaltlu li ma għadhiex tħobbu, għajjarha "*qaħba*" proprju għaliex, kif qal hu stess, kellha raġel ieħor u aggrediha sesswalment u weġġagħha biex juriha kemm kien qed iweġġa' hu b'dak li għamlitlu.

Il-Qorti semgħet lill-vittma tixhed quddiemha u rat il-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda u tenut kont ukoll tal-fatt li l-verżjoni tagħha kienet konsistenti mill-bidu sal-aħħar, hija konvinta li x-xhud hija ġenwina u li l-fatti li rakkontat, verament seħħew. Ma ntweriet l-ebda raġuni l-għala hija għandha tiddubita mill-verżjoni ta' Fatima Hassanin li l-imputat aggrediha sesswalment u kkaġunalha l-feriti li deskriviet fid-depożizzjoni tagħha u fiċ-ċirkostanzi, tqis li l-verżjoni tagħha hija ferm iktar verosimili minn dik tal-imputat li penġa l-argoment bħala wieħed ta' ferm inqas gravita' u ċaħad li aggredixxa lill-parti leża b'xi mod waqt dan l-argoment.

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew,*

*jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*”[20]

Huwa minnu li fil-każ in diżamina, m’hemmx il-konfort ta’ xi prova diretta bħal xhud okulari, jew prova oġġettiva bħal ritratti tal-ġrieħi li allegatament ġarrbet il-vittma meta ġiet aggredita mill-imputat u huwa minnu wkoll li hija għażlet li ma tiġix eżaminata medikalment – nuqqas li jfisser li ma saret l-ebda kostatazzjoni fattwali oġġettiva ta’ dawn il-ġrieħi. Indubbjament, provi bħal dawn malajr kienu jeliminaw d-dubji u l-ekwivoċi dwar dak li effettivament seħħ. Madanakollu, wara li evalwat it-testimonjanza tal-vittma u tax-xhieda l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta’ provi determinanti bħal dawn, żgur li m’huwiex fatali għall-każ tagħha.

Huwa minnu li l-liġi tiddisponi li għandha tinġieb l-aħjar prova u tkun kompluta minn kollox u ma jitħalla xejn barra li jkun materjali u importanti għall-kaz. Iżda l-liġi tgħid ukoll illi dan għandu jkun “*bħala regola*.” Filwaqt illi naturalment, dan huwa dejjem deżiderabbli, ma jfissirx illi jekk il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq xi prova, ifisser allura li t-teżi tagħha tkun kompromessa irrimedjabbilment. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti, liema evalwazzjoni ssir mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-prinċipji fuq enunċjati in materja tal-kredibbilita’ tax-xhieda u l-grad tal-prova li jrid jintħalaq.

Iżda l-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta` tifhem illi in kwantu għad-deċiżjoni tal-vittma li ma tissottomettix ruħha għal eżami mediku u li ma tieħux ritratti tal-ġrieħi li kellha, dan in-nuqqas kien frott ta’ riluttanza minħabba li hija kienet qed tħossha skomda u mistħija, kif del resto xehdet hija stess u ġie affermat ukoll minn binha. Jirriżulta

[20] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta’ Mejju, 1997, ġie ritenut:- “*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*”.

wkoll li f'dak l-istadju hija ma kienetx konvinta li riedet effettivament tirrapporta l-każ lill-Pulizija biex jittiehdu proceduri kriminali għaliex kienet qed tibża' li r-rapport jinkixef u l-pubbliku jsir jaf b'dak li ġralha meta hija kienet sejra tikkontesta l-elezzjoni ġenerali.

Blackstone, in propositu, jgħid hekk:-

"*The fact that the trauma of rape can cause feelings of shame and guilt which might inhibit a woman from making a complaint is sufficiently well known to justify a comment to that effect. The Court approved an example in general terms of an appropriate direction in such circumstances which covers the following points: (i) experience shows that people react differently to the trauma of a serious sexual assault, that there is no one classic response; (ii) some may complain immediately* ***whilst others feel shame and shock and not complain for some time; and (iii) a late complaint does not necessarily mean it is a false complaint****."* (emfasi tal-Qorti)

F'kull każ u barra dan, hemm ix-xhieda ta' Carmen Hassanin u ta' Omar Zahra li mhux biss semgħu l-verżjoni ta' Fatima Hassanin *a tempor vergine* fil-każ ta' Omar Zahra, iżda raw b'għajnejhom uħud mill-ġrieħi li ġarrbet il-vittma, biss ftit tal-ħin wara li seħħet l-aggressjoni.  Dawn il-persuni, flimkien ma' PS 1314 Raymond Ambrogio, huma lkoll xhieda tal-istat ta' xokk u l-qagħda emozzjonali li kienet tinsab fiha l-istess vittma.  Dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti li l-verżjoni ta' Fatima Hassanin hija veritjera u għandha mis-sewwa f'kull aspett tagħha u hija konvinta illi l-fatti sostantivi tal-każ ġraw kif ġie deskritt fix-xhieda tiegħu.

Il-Qorti qieset ukoll kif PS 1314 fix-xhieda tiegħu saħaq li Fatima Hassanin kienet taħt xokk meta ġiet l-Għassa, deskrizzjoni li taqbel max-xhieda ta' Omar Zahra li xehed emfatikament kif meta ċempel lil ommu wara li missieru kien qallu li kellu xi jgħid magħha, hija infaqgħet tibki u meta daħal id-dar, raha fuq is-sufna tibki u titriegħed u żżomm żaqqha.  Il-Qorti ma tħossx li tista' twarrab ix-xhieda ta' Omar Zahra li kien l-ewwel persuna li ra lil Fatima Hassanin wara l-inċident, fejn iddeskriva

kif ommu dak il-ħin qaltlu li missieru kien sawwatha bil-lasta, aggrediha sesswalment u gidimha, filwaqt li wrietu l-lasta li sawwatha biha kif ukoll il-ħmura fejn kien laqatha fuq żaqqha. Il-Qorti semgħet lil dan ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda jfisser kif qabditu rabja kbira, tant illi għamel ġranet jekk mhux ġimgħa ma jkellem lil missieru minħabba f'hekk, u tqis li huwa xhud kredibbli li għandha tagħti affidament pjen lill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti perċepiti minnu fil-25 ta' Mejju 2017. Huwa minnu li mill-provi jirriżulta li x-xhud ma għadx għandu relazzjoni tajba ma' missieru u li llum il-ġurnata ma jkellmux, iżda dan il-fatt fil-fehma tal-Qorti ma jnaqqasx mill-veraċita' u l-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu anke meta wieħed iqis il-fatt illi in segwitu għal dan l-inċident, ibnu kien ħafirlu u kien reġa' nqala' d-diżgwid bejniethom wara diversi xhur minħabba affarijiet mhux relatati ma' dan il-każ[21].

Il-verżjoni ta' Omar Zahra illi huwa għamel madwar ġimgħa ma jkellimx lil missieru wara dan l-episodju, huwa affermat mill-estrazzjoni tal-messaġġi fuq Facebook[22] li ġew skambjati bejnu u bejn missieru l-imputat fejn jirriżulta li filwaqt li huma kienu jikkomunikaw bejniethom regolarment kważi kuljum, Omar Zahra ma wieġeb għal ebda messaġġ ta' missieru mill-25 ta' Mejju 2017[23] u l-31 ta' Mejju 2017. Inoltre, minn eżami tal-messaġġi *sms* skambjati bejn l-imputat u ibnu, estratti mit-telefon ċellulari tal-imputat[24], jidher li l-kuntatt da parti ta' Omar Zahra waqaf għal kollox wara t-18 ta' Frar 2018; fatt li jikkonforta l-verżjoni tal-istess xhud li huwa ddeċieda li ma jkollux kuntatt iktar ma' missieru ċirka tmien xhur wara l-inċident tal-25 ta' Frar 2017. Dan kollu jkompli jikkonvinċi lill-Qorti dwar l-affidabbilita' tax-xhieda tal-istess Omar Charles Zahra.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-imputat ma ċaħadx li fil-25 ta' Mejju 2017 ibnu ċempillu filgħaxija irrabbjat, isaqsi x'għamlilha lil ommu. Kemm hu hekk, stqarr li ibnu kien

[21] Għall-kompletezza l-Qorti tosserva illi qabel beda jiġi interrogat fl-20 ta' Frar 2019 l-imputat ikkonferma illi l-Pulizijka kienu qrawlu d-dikjarazzjoni li kien ġie rilaxxat lilhom minn ibnu Omar Charles Zahra (ara paġna 27 tal-istarrija) li jfisser illi l-imputat ingħata disclosure effettiva tal-evidenza materjali li l-Pulizija kellhom fir-rigward. Tant ingħata disclosure illi l-imputat innega dak kollu li kien ġie mistqarr minn ibnu u qal li t-tifel influwenzat minn ommu.

[22] Ara CD Dok. C (Pt. 2) formanti parti mir-relazzjoni ta' Dr. Steven Farrugia Sacco, xhud tad-difiża.

[23] Fit-08:52h.

[24] Ara sezzjoni "Dok. B2" formanti parti mir-rapport ta' Dr. S. Farrugia Sacco, (Dok. SFS) xhud tad-difiża.

qallu "*tersaqx lejn ommi*" u "*qiesek annimal*", ħaġa li l-Qorti tifhem li ma kienx ikollu għalfejn jgħidlu jekk kull ma seħħ bejn ommu u missieru dakinhar kien sempliċi argoment.

Mhux hekk biss, iżda l-verżjoni ta' Fatima Hassanin hija ulterjorment konfortata bix-xhieda ta' oħtha Carmen Hassanin li xehdet kif oħtha ċemplitilha fil-25 ta' Mejju 2017 u kienet imwerwra u meta marret għandha d-dar tagħha l-Gżira sabitha tibki imwerwra. Carmen Hassanin ikkonfermat li oħtha wrietha marka ħamra ta' gidma fuq sidirha kif ukoll tbenġila sewda taħt żaqqha u qaltilha li kellha d-demm ħiereġ mill-ġurnata ta' qabel.

Dawn il-provi kollha, ikkunsidrati fl-assjem tagħhom huma korroborattivi tax-xhieda ta' Fatima Hassanin u tikkonforta pjenament il-verżjoni tagħha li l-imputat aggrediha sesswalment u sforza ruħu fuqha bis-saħħa u li weġġagħha meta gidimha fuq sidirha u laqatha bil-lasta tal-mopp taħt żaqqha.

Il-Qorti ma tistax twarrab ukoll il-fatt illi għalkemm fl-aħħar mill-aħħar PS 1314 Raymond Ambrogio iddikjara li ma kienx ċert jekk lill-imputat, meta bagħat għalih fl-Għassa tal-Pulizija fil-25 ta' Mejju 2017, kienx infurmah fid-dettall dwar l-allegazzjonijiet speċifiċi li kienet irrapportatlu Fatima Hassanin, ikkonferma li dak li hu żgur hu li qallu li Fatima Hassanin għamlet rapport ta' vjolenza domestika fil-konfront tiegħu u fl-ebda ħin ma qal li l-imputat innega u ċaħad li kien vjolenti magħha u qal biss li dak li seħħ seħħ bil-kunsens tagħha: verżjoni li fl-aħħar mill-aħħar mhux kontestata mill-imputat.

Minn dan kollu, il-Qorti hija konvinta illi l-verżjoni ta' Fatima Hassanin hija pjenament kredibbli u affidabbli u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tagħżel li temmen lil Fatima Hassanin u x-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni u mhux il-verżjoni tal-imputat li ċaħad li huwa aggredixxa lill-parti leża. M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi l-verżjoni ta' Fatima Hassanin f'xi partikolarita' materjali, u m'hemm xejn lanqas li tinstawra xi dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni tagħha.

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi jekk verament ir-rapport li sar dwar dan l-inċident kien biss messa in xena li ħolqot il-parti leża biex tissikka lill-imputat ħalli jittrasferilha xi proprjetajiet li dwarhom fetħitlu kawża ċivili f'April 2018 – kif ġie sottomess mid-difiża - tistenna li d-difiża tressaq xi xorta ta' prova biex tissostanzja din l-allegazzjoni almenu sal-grad tal-probabbli. Madanakollu, il-Qorti m'għandha quddiemha l-ebda prova kwalsiasi, la dwar xi proprjeta' komuni tal-partijiet u lanqas dwar xi proċeduri legali intavolati fil-konfront tal-imputat fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Stabbilit li t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat aggredixxa sesswalment lil Fatima Hassanin fil-25 ta' Mejju 2017 u kkaġunalha xi ġrieħi, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk l-imputat abbażi ta' din il-verżjoni tal-parti leża, jistax jinstab ħati li kkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq Fatima Hassanin u jekk jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 207 tal-Kap. 9 kif kien jaqra fiż-żmien tar-reat, ċioe' fil-25 ta' Mejju 2017 u talli kkaġuna offiża ta' natura gravi lill-istess parti leża.

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat huwa mixli bir-reat taħt l-Artikolu 216 u l-Artikolu 218 tal-Kap. 9, ċioe' li kkaġuna lil Fatima Hassanin offiżi ta' natura gravi. Mill-provi huwa stabbilit li Fatima Hassanin kellha marka ta' gidma f'sidirha kif ukoll tbenġila taħt żaqqha[25]. Xehdet ukoll li kella dmija fil-parti privata tagħha minħabba l-penetrazzjoni vaġinali sforzata bis-swaba' tal-imputat. Kif rajna, il-vittma baqgħet qatt ma rikorriet f'xi ċentru tas-saħħa jew għand tabib privat biex tiġi eżaminata medikalment u b'hekk m'hemm l-ebda prova konkreta li tista' tgħin lill-Qorti tistabbilixxi jekk dawn il-feriti kienux ta' natura ħafifa jew gravi.

[25] Carmen Hassanin u Omar Zahra xehdu li raw uħud minn dawn il-feriti b'għajnejhom dakinhar jew fil-każ ta' oħt il-parti leża, għada tal-inċident.

Biex il-Qorti tista' tasal biex issib ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 216 u l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 irid ikollha ċ-ċertezza morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-offiżi li ġarrbet il-vittma jirrinetraw f'waħda minn dawk prospettati espressament mill-imsemmija dispożizzjonijiet legali, ċioe' jekk tista' ġġib periklu tal-ħajja, jew ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella ta' marda permanenti tal-moħħ, jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż jew jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem. L-offiza hija wkoll gravi fit-termini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu jew jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien. Imbagħad, biex l-offiża titqies li hija gravi a tenur tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9, irid jiġi riskonstrat l-element ta' permanenza tal-istess offiżi.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[26]

[26] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Il-Qorti teskludi minnufih li l-offiżi li jirriżulta li ġarrbet Fatima Hassanin b'riżultat tal-aggressjoni li wettaq fuqha l-imputat, jirrientraw f'xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9, wisq inqas tirraviza f'dawn l-offiżi l-element ta' permanenza meħtieġa mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9. Ma nġiebet l-ebda prova biex jintwera li l-vittma kienet fil-perikolu tal-ħajja jew li sofriet minn debulizza fis-saħħa jew f'xi funzjoni tal-parti tal-ġisem tagħha jew xi marda fil-ġisem jew il-moħħ u ma jirriżultax lanqas li hija ġarrbet sfreġju f'wiċċha, għonqha jew idejha jew xi ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem.

Għaldaqstant, billi ma tressqux provi biex juru li l-ħsara li ġiet ikkaġunata mill-imputat fuq il-ġisem tal-vittma, ipproduċiet l-effetti maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kap. 9, l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkaġuna offiza ta' natura gravi iżda sejjer jinstab ħati li kkaġuna fuq il-persuna ta' Fatima Hassanin, offiżi ta' natura ħafifa. Wara kollox, l-offiża ta' natura ħafifa - li huwa reat minuri li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 - hija mfissra fl-Artikolu 221 tal-Kap. 9[27] bħala offiża li ma ġġib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offiżi li huma klassifikati bħala gravi jew gravissimi.

Fil-25 ta' Mejju 2017, ċioe' qabel l-emendi li seħħew bis-saħħa tal-Att XIII tal-2018, ir-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 kien punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa u dak iż-żmien il-fatt li l-vittma tiġi persuna li għandha wild in komuni mal-imputat, ma kienx meqjus bħala ċirkostanza aggravanti a tenur tal-Artikoli 222 u 202(h) tal-Kap. 9. u f'kull każ, il-kliem tal-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni ma jagħmel referenza għal ebda aggravanti f'dan is-sens.

Ikkunsidrat;

[27] 221(1) *L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għalżmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.* (2) *Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.Meta l-effett tal-offiża hu ta' importanza żgħira.*

It-tieni imputazzjoni hija bbażata fuq ir-reat prospettat fl-Artikolu 207 tal-Kap. 9 li fl-2017 qabel l-emendi li ġew introdotti b'effett tal-Att XIII tal-2018, kien magħruf bħala attentat vjolenti għall-pudur. Id-dispożizzjoni legali kienet tipprovdi:-

**207.** *Whosoever shall be guilty of any violent indecent assault which does not, in itself, constitute any of the crimes, either completed or attempted, referred to in the preceding articles of this sub-title, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from three months to one year:-*

*Provided that in the cases referred to in article 202, the punishment shall be increased by one degree.*

Bil-promulgazzjoni tal-Att XIII tal-2018, in-nomenklatura tar-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur inbidlet għal dik ta' "*att ta' natura sesswali mingħajr kunsens*" u b'hekk ġiet imwessgħa sinjifikatament il-kategorija ta' dawk l-atti li jaqgħu fil-parametri ta' din id-dispożizzjoni legali u kwindi fid-definizzjoni tar-reat relevanti. Kemm hu hekk, il-ħtieġa tal-prova tal-forża jew vjolenza bħala element essenzjali materjali tar-reat, tneħħiet u dan l-element ġie sostitwit bl-element tal-prova ta' sempliċi nuqqas ta' kunsens da parti tas-soġġett passiv tar-reat għat-twettiq ta' att, att li jrid ikun ta' natura sesswali.

Il-Qorti sejra għalhekk tistħarreġ jekk mill-evidenza akkwiżita ġew ippruvati l-elementi kollha kostituttivi tar-reat skont il-liġi naturalment kif kienet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2017, għaliex bl-applikazzjoni tal-prinċipju fondamentali kontra l-applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali sostantiva - *nullum crimen, nulla poena sine lege* – emendi li ġew fis-seħħ wara l-kommissjoni tar-reat iżda qabel id-determinazzjoni tal-proċeduri penali relattivi, ma jiġux applikati retrospettivament purche' l-liġi kif sussegwentement emendata tkun iktar favorevoli għall-imputat mil-liġi qabel l-emenda relattiva. Dan wara kollox hu prinċipju sanċit fl-Artikolu 39(8)

tal-Kostituzzjoni ta' Malta[28] kif ukoll fl-Artikolu 7 of the tal-Konvenzjoni Ewropea dawr id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali[29].

Il-Qorti tibda biex tosserva li dak iż-żmien, l-att ta' konġunġiment karnali b'parti tal-ġisem li mhux organu sesswali ma kienx jaqa' fid-definizzjoni tar-reat ta' stupru taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9 u għalhekk huwa immedjatament eskluż li l-penetrazzjoni vaġinali kommess mill-imputat ċioe' b'subajgħ ma kienx jikkostitwixxi fiż-żmien meta seħħet, wieħed mir-reati imsemmijin fl-Artikoli 198 sa 206 tal-Kap. 9, speċifikatament ir-reat ta' stupru. Illum il-pożizzjoni kienet tkun ferm differenti għaliex wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XIII ta-2018, att bħal dak kommess mill-imputat kien bla dubju jikkostitwixxi r-reat ta' stupru.

L-elementi tar-reat tal-attentat vjolenti għall-pudur kienu ġew analizzati fid-dettall mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 1977 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Orazio Godwin sive Horace Laudi**:-

"*Il-vokabolu "attentat" huwa fis-sens ta' "osare, ardire, thebb" u mhux fis-sens ta' tentattiv –A.K. Il-Pulizija vs G.[Gerald] Cassar 18.7.59 (xliii.iv.1114).*

*"**Wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa il-vjolenza u din tikkonsisti filli s-suggett passiv tar-reat jigi kostrett jissubixxi dak li jrid l-imputat**. Il-Carrara (Vol. II 1549 pag. 403) jghid li din il-vjolenza tikkonsisti "**dal concorso di due volonta' contradicentesi e poste direttamente in reciproca guerra: quella del soggetto passivo che non vorebbe patire sifatto oltraggio e quella dell' agente che vuole l' oltraggio e vuole altresi vincere colla forza fisica o col timore la conosciuta volonta del soggetto passivo e renderla come che sia impotente e resistere al suo desiderio**" (App. Krim. Pul. vs F. Debono 27.10.45 Vol. xxxii.iv.938).*

---

[28] 39(8) *No person shall be held to be guilty of a criminal offence on account of any act or omission that did not, at the time it took place, constitute such an offence, and no penalty shall be imposed for any criminal offence which is severer in degree or description than the maximum penalty which might have been imposed for that offence at the time when it was committed.*

[29] Chapter 319 of the Laws of Malta.

*"Il-gurisprudenza tal-Qorti taghna hija fis-sens li, biex ikun hemm dan ir-reat, l-att impudici irid jkun sar fuq il-persuna tas-suggett passiv."*[30] [emfasi ta' din il-Qorti]

In materja huwa relevanti wkoll l-insenjament tal-istess Qorti f'sentenza tat-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Micallef**:-

*"L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti.*

*… … …*

*Id-definizzjoni li tagħti l-Liġi tagħna tal-attentat vjolenti għall-pudur hija waħda li telimina – għax tneħħi dawk ir-reati msemmijin speċifikatament fl-artikoli preċedenti ta' 'dan is-sub-titolu.' L-att libidinuż m'hemmx għalfejn jissoddisfa lil min jagħmlu. Huwa biżżejjed li jissodisfa l-ġibda sesswali ta' min jagħmlu. Is-suġġett attiv jista' jkun kull persuna, taħt l-eta' jew maġġorenni, maskil jew femminil waqt illi s-suġġett passiv jista' jkun kull persuna wkoll. L-istat ta' deġenerazzjoni morali tas-suġġett passiv huwa rrelevanti minħabba li r-reat fih l-element ta' vjolenza. L-atti indiċenti m'hemmx għalfejn li jkunu saru fuq il-persuna."*[31]

Antolisei, in propositu, kiteb hekk:-

*"L'elemento materiale del delitto consiste nel compimento dell'atto di libidine, il quale puo' assumere le forme piu' svariate, dal semplice palpamento alle piu' aberranti anomalie. Con la realizzazione dell'atto di libidine il reato e' consumato, non essendo necessario che il soggetto sia pervenuto a soddisfare la sua concupiscenza.* ***Un solo atto e' sufficiente per concretare il delitto… Quanto all'elemento psichico, basta a concretare il dolo la volonta' fi compiere atti di libidine con la coscienza del carattere libidinoso dei medesimi e della violenza o abusivita' del comportamento.***[32] [enfasi tal-Qorti]

---

[30] Vide **Il-Pulizija vs Joseph Micallef**

[31] Ċitata fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Gera**, deċiża 14.11.2008 minn din il-Qorti diversament preseduta.

[32] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale – 1 Giuffre' par.83 pagina 441 u 442.

B'referenza speċifika għall-karattru indeċenti tal-att, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**[33], wara li kkunsidrat l-elementi kostituttivi tal-att ta' libini, riteniet:-

*"Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code ... has this to say as regards the notion of "lewd acts": "Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre,* ***che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine****. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge,* ***debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali****" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Miżmum ferm u applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis li meta l-imputat intefa' bil-forza fuq Fatima Hassanin u minkejja l-protesti tagħha u evidentement kontra r-rieda tagħha, neħħielha l-qalziet ta' taħt, ippenetraha vaġinalment b'subajgħ u weġġagħha, ikkommetta u kkonsma atti ta' natura sesswali ossia *atti di libidne* li jiffiguraw sfiq fir-reat taħt l-Artikolu 207. Dan il-komportament huwa wieħed evidentement abbużiv u mix-xhieda ta' Fatima Hassanin jirriżulta li l-imputat wettaq dawn l-atti b'miżura sostanzjali ta' vjolenza meta żammha 'l isfel b'idu u bil-piż ta' ġismu fuq għonqha, meta beda jagħfas ħafna biex jippenetraha vaġinalment tant li beda ħiereġ id-demm, u meta gidimha fuq sidirha.

---

[33] Deċiża 8.1.1996.

Kollox magħdud, il-Qorti fehmet li din il-vjolenza kienet rejazzjoni xprunata minn rabja għar-rifjut da parti tal-vittma tal-avvanzi u għad-dikjarazzjoni ta' "imħabba" da parti tal-imputat u minn element ta' vendikazzjoni li hija manifestata fil-fatt *ex admissis* li l-imputat għajjar lill-vittma 'prostituta' meta fl-istess waqt huwa stqarr ukoll li hija kienet weġġgħetu bla qies meta telqitu għal raġel ieħor. L-element tal-vjolenza fil-kommissjoni tal-atti libidinużi huwa ulterjorment affermat bil-ferita li l-vittma kellha fuq sidirha u bid-dmija interna li l-vittma xehdet li kellha b'riżultat tal-penetrazzjoni vaġinali sforzata.

Għalhekk l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 207 tal-Kap. 9 addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni, bl-aggravanti maħsub fl-Artikolu 202 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Permezz t-tielet imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 86 bl-aggravju prospettat taħt il-paragrafu (g) tal-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9.

Dan jipprovdi illi huwa ħati tar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, kull min: "*... bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrat...*", liema delitt sar biex il-vittma tiġi imġiegħla toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna.

Sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-

awtorita` kompetenti[34]. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[35] jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[36]

Issa fil-każ in diżamina, huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-imputat, biex wettaq ir-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur ta' Fatima Hassanin, imbotta lill-vittma lura fuq is-sufan, tefa' l-piż tiegħu fuq għonqha u żammha b'idu, tant li minkejja illi hija pprovat timbottah minn fuqha b'idejha u b'sieqha ma rnexxilhiex. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jirriżulta li dan is-sekwestru tal-persuna jikkostitwixxi mhux ir-reat ravvizat fl-Artikolu 86 tal-Kodici bl-elementi meħtieġa skont kif imfissra fl-insenjament appena rapportat, iżda pjuttost mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat tal-attentat vjolenti għall-pudur.

Fir-rigward, issir referenza għas-sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino**, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2006, fejn gie ritenut li meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, ma tistax treġġi ukoll ir-reat ta' sekwestru tal-persuna taħt l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali[37]:-

---

[34] **Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.
[35] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[36] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.
[37] Dan l-insenjament gie riaffermat diversi drabi : ara fost ohrajn **Il-Pulizija vs. Joseph Magro**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, 10 ta' Dicembru 2012.

"*Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolenti dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-żewġ sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna każi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn ġewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru…*"

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 kif addebitat lilu fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat gie mixli bir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 li jipprospetta bhala reat l-imġieba ta' persuna li "*… tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) … jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*"

Dwar l-element kostituttiv tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imgieba*" tal-aġent

tar-reat tammonta għal *a course of conduct* u dan kif jidher mill-kliem tal-liġi: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*".

Il-Qorti tibda biex tosserva li t-tieni imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi għal dak li ġara fil-*"25 ta' Mejju 2017 u anka matul ix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer*". Huwa minnu li biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* u huwa minnu li l-provi fil-każ in diżamina[38] juru illi effettivament, l-imġieba tal-imputat fis-snin 2015 u 2016, speċifikatament fix-xahar ta' Ottubru 2016, kien wiehed li rawwem fil-parti leza biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront tagħha.

Kif impostata, ir-raba' imputazzjoni tirreferi neċessarjament għal **fatti li ġraw f'Mejju 2017 u fix-xhur anteċedenti dik id-data**. Filwaqt li bl-użu tal-plural fil-kelma "*xhur*" l-ispazju temporali tal-fatti li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet jista' jitqies li gie estiż ghal diversi xhur qabel Mejju 2017, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma "*xhur"*, b'mod generali, għandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data speċifikata u ma jistgħu qatt jiġġebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu seħħew sitta, seba' jew tmien xhur jew iktar, qabel. Wisq anqas ma jistgħu jidħlu fl-iskop tal-kliem "*fix-xhur ta' qabel*", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz Mejju 2017 għaliex iż-żmien indikat fl-akkuża jirreferi għal "*xhur ta' qabel*" Mejju 2017 u mhux "*is-snin ta' qabel*" Mejju 2017.

**Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ghall-fini tar-reati addebitati lill-imputata fiċ-Ċitazzjoni, tista' tinsab ħtija biss jekk ikun jirriżulta li l-imputat mexa b'kondotta li rawwem bia' ta' vjolenza fil-vittma, f'episdoji li seħħew mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem iżda mhux qabel din id-data**.

[38] Vide xhieda ta' Fatima Hassanin, 12.12.2019, fol. 132 – 134, u xhieda ta' Omar Zahra, 12.12.2019, fol. 149 u 150.

Madanakollu, mix-xhieda ta' Fatima Hassanin, hu evidenti li apparti l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 ma seħħ ebda incident speċifiku bejnha u bejn l-imputat fix-xhur qabel Mejju 2017 fejn minħabba l-komportament tiegħu hija beżgħet li ser tintuza l-vjolenza fil-konfront taghha. L-inċident li xehdet dwaru Fatima Hassanin u li seħħ ftit ġranet qabel il-25 ta' Mejju 2017 m'huwiex, fil-fehma tal-Qorti, tal-kalibru li ġiegħelha tibża' li l-imputat seta' juża l-vjolenza fil-konfront tagħha. Wara kollox, ir-rejazzjoni ta' suppervja għar-rifjut tal-avvanzi sesswali hija waħda pjuttost raġjonevoli u ma jirriżultax la li din ir-rejazzjoni tal-imputat attwalment qanqal u lanqas li kienet oġġettivament kapaċi tqanqal, biża li ser tintuża vjolenza.

Fatima Hassanin xehdet dwar inċident wieħed biss li effettivament rawwem fiha biża' li ser tintuża vjolenza kontriha, fejn l-imputat sakkarha fil-kamra tas-sodda u daħal b'sikkina f'idu. Għalkemm mill-provi jirriżulta wkoll li l-imputat kien isir aggressiv meta ma kienx ikollu d-droga marijuana u seħħew xi episodji fejn l-imputat kien għamel għall-parti leża u kellu jitwaqqaf minn ibnu, jirriżulta mix-xhieda sija tal-parti leża nnifisha u kif ukoll mix-xhieda ta' Omar Zahra, li dawn l-episodji seħħew fis-sena 2015 jew 2016.

Applikati l-konsiderazzjonijiet appena magħmula dwar it-tfassil tar-raba' akkuża in kwantu għaż-żmien tal-kommissjoni tar-reat jew l-atti li jikkostitwixxu r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, jikkonsegwi illi l-episodji li xehdu dwarhom il-vittma u Omar Zahra fejn l-imputat seta' wera xi imgieba konkreta li tikkaguna biza' ta' vjolenza, liema episodji seħħew fis-sena 2016 u qabel, **ma jirrientrawx fil-parametri temporali li ġew imfissra fiċ-Ċitazzjoni, ċioe' fix-xhur qabel il-25 ta' Mejju 2017 u l-uniku inċident li jirrientra fiz-zmien tal-akkuża huwa biss dak li seħħ fl-imsemmija data tal-25 ta' Mejju 2017**. Għalhekk għall-fini tal-partikolaritajiet ta' żmien imsemmija fiċ-ċitazzjoni kwantu għar-raba' imputazzjoni, il-Qorti tqis li huwa biss l-inċident tal-25 ta' Mejju 2017 li jista' jiġi kkunsidrat għall-fini ta' prova tal-imġieba tal-imputat għall-fini tar-reat taħt l-Artiklu 251B tal-Kap. 9. Madanakollu, kif inhuwa risaput, incident wiehed biss ma jammontax ghal *a course of conduct* li, kif rajna, huwa mehtieg ghas-sejbien ta' htija tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Huwa minnu li hu rikonoxxut ukoll fil-gurisprudenza[39] illi jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum fejn tigi ravvizata l-kondotta mehtiega ghall-finijiet tal-Artikolu 251B, u ghalhekk tista' tinstab htija ghal dan ir-reat anke f'kaz li jigi ppruvat li kien hemm *a course of conduct* f'gurnata wahda biss. Madanakollu fil-każ in diżamina, kemm mill-imputazzjoni kif imfassla, kif ukoll mix-xhieda tal-parti leża, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fl-istess jum li seta' jwassal biex jigi rravvizat ir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat addebitat lilu fir-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat fil-ħames imputazzjoni huwa mixli li wettaq ir-reat taħt l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2017.

L-Artikolu 49 tal-Kap. 399 jipprovdi li huwa ħati ta' reat:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih.*

L-imputat ammetta li kien hu li ċempel lil Fatima Hassanin anonimament diversi drabi bil-lejl matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2019 u b'zieda ma' dan, il-

[39] Ara Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar 2012, Qorti tal-Appell Kriminali.

Prosekuzzjoni ressqet ukoll ix-xhieda tar-rappreżentant tas-*service provider*[40] bi prova li min-numru abbonat lill-imputat saru telefonati f'dan il-perijodu f'ħinijiet ta' bil-lejl, lin-numru abbonat lil Fatima Hassanin.

Ma jirriżultax illi f'dawn it-telefonati anonimi, l-imputat hedded lill-vittma jew immalafamaha – għall-kuntrarju, huwa stabbilt li t-telefonati kienu anonimi u l-persuna li għamlet dawn it-telefonati ma tkellimx jew inkella nstema' daqq ta' mużika jew persuna tonfoħ.

Huwa assodat illum fil-ġurisprudenza in materja illi l-frażi "*użu ieħor mhux xieraq*" fl-Artikolu 49 tal-Kap. 399 ma jfissirx kwalunkwe użu jew kull offiża, insult jew kelma żejda, izda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar strett biex tirreferi b'mod ewlieni għal theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti.  Iżda kif rajna, mill-provi ma jirriżulta xejn minn dan għaliex fit-telefonati ma ntqal xejn u ma jirriżultax lanqas li d-daqq ta' mużika kien fih xi kliem, la ta' theddid u lanqas ta' malafama. Konsegwentement, l-imputat ser jiġi liberat mill-ħames imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi dawn il-proċeduri ġew istitwiti xejn inqas minn sentejn wara l-inċident, il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat turi li huwa wettaq biss reati konnessi mar-regolament tat-traffiku u reati kontravvenzjonali u dan iktar minn għoxrin sena qabel il-fatt tal-każ in diżamina.

Iżda qieset ukoll il-gravita' tar-reat u ċ-ċirkostanzi li fihom twettaq fejn l-imputat wera viljakkerija u misoġinija assoluta meta rinfaċċjat bir-rifjut ta' mara li tissokkombi għall-avvanżi sesswali tiegħu, aggredixxiha sesswalment b'manifestazzjoni u asserzjoni mhux tal-imħabba li pprofessa, iżda tad-dominanza tiegħu.  Din hija mġieba ta' stmerrija u hija kundannabbli bil-qawwa kollha iktar u iktar għaliex twettqet fil-konfront ta' omm ibnu, għalkemm, għandu jingħad, il-liġi diġa' tipprovdi

[40] Ara xhieda ta' Charmaine Zammit, 31 ta' Ottubru 2019.

hija stess illi l-attentat vjolenti għall-pudur huwa aggravat stante li ġie kommess mill-imputat fuq il-persuna li għandha wild komuni miegħu. F'kull każ, naturalment, sejra tapplika l-piena kif kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, ċioe' r-reat taħt l-Artikolu 221(1) u r-reat taħt l-Artikolu 207 tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-reati addebitati lilu fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h), 207[41] u 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil CHARLES ZAHRA ħati tal-ewwel imputazzjoni biss in kwantu kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa u ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah seba' (7) xhur priġunerija iżda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' FATIMA HASSANIN qiegħda b'żieda mal-piena, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin kontra CHARLES ZAHRA tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal zmien sentejn mil-lum u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' ħames mija u**

[41] Kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li ġew introdotti b'effett tal-Att XIII tal-2018.

**disgħa u għoxrin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€529.99) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[42].**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[42] €88.33 Dok. MM3; €441.66 Dok. KC1.